MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 35/2012

**M V u bhala legittima rapprezentanti**

**tal-minuri W V**

**vs**

**J V**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici M V li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti zzewget lil-intimat fid-9 ta' April, 1999.

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel W, li ghandu tmien snin.

Illi l-hajja konjugali giet resa impossibbli peress li l-intimat rrenda ruhu hati ta' eccessi, sevizzi, minacci, ingurji gravi, tant li z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

Illi wara li ma sehhitx medjazzjoni, r-rikorrenti giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni kontra zewgha l-intimat.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titiob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

(i) tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi V u b'ordni tal-Qorti datata 15 ta' Jannar 2015 din it-talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri W;

(iii) tiffissa retta alimentari ghaliha u ghal binha minuri W, kif ukoll ghandu jkun hemm ammont ta' manteniment ghal edukazzjoni tal-minuri sakemm itemm l-edukazzjoni tieghu u jsib impjicg fiss;

(iv) tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti fi kwoti ndaqs bejniethom, u tassenja l-istess porzjonijiet kif divizi;

(v) tassenjalhom il-proprjeta' dotali u parafernali taghhom;

(vi) tiddikjara li l-intimat iddekada mill-Artikoli tal-Kodici Civili numru 48 u 19 jew min minnhom applikabbli.

Bl-ispejjez u l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Ingrid Bianco.[1]

Rat is-sentenza *in parte* taghha moghtija fil-15 ta' Jannar 2015 li permezz taghha laqghet it-talba tal-attrici u ordnat li t-talba ta' separazzjoni titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66 tal-Kodici Civili.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**Provi**.

B'nota tat-2 ta' Settembru 2014 l-attrici iddikjarat illi hija ippruvat hafna li tasal ghal separazzjoni bonarja izda ma sabitx koperazzjoni minn zewgha. Tghid li kemm-il darba kienu jiftehmu dwar it-termini ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali izda mbaghad il-konvenut jonqos milli jikkonkludi.

Fl-istess nota l-attrici iddikjarat illi ma kenitx qed titlob manteniment ghaliha izda manteniment ghall-minuri. Tispjega illi ghal snin shah il-konvenut kien naqas milli jhallasha manteniment ghall-minuri izda dan l-ahhar il-konvenut kien qed jghaddilha s-somma ta' mitejn ewro fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri.

Il-Qorti ezaminat ir-rapport tal-Perit Legali u taghmel ampja referenza ghar-rassenja tal-provi imressqa hemm kontenuta u a skans ta' ripetizzjoni tali rassenja qed tifforma parti integrali mill-prezenti sentenza.

---

[1] Fol. 210

B'digriet tal-31 ta' Lulju 2014 il-Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment pendente lite ghall-minuri W is-somma ta' mitejn u tmenin ewro fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**Responsabbilta' ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Fix-xhieda taghha l-attrici spjegat kif il-konvenut kien johloq hafna dizgwid bejniethom meta hi harget tahdem. Jekk tikkontrarjah kien isir aggressiv. Kien ikkonvinca lill-attrici sabiex jifthu negozju izda mbaghad kien jonqos milli jonora l-kontijiet li kien ikollhom. L-agir nervuz u impazzjenti kien jimmanifestah ukoll fil-konfront tal-minuri.

Illi mix-xhieda mhux kontradetta tal-attrici, kif korroborata mix-xhieda ta' ommha, jirrizulta illi l-intimat irrenda ruhu hati ta' agir vjolenti li gie segwit minn abbandun.

**Artikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba.*"

Gie ppruvat sodisfacentement illi l-konvenut huwa hati ta' abbandun fil-konfront tal-attrici u ta' binha. L-abbandun kien jikkonsisti mhux biss f'wiehed fiziku izda wkoll finanzjarju ghaliex filwaqt li kien jahdem kien ihalli lill-attrici tfendi ghar-rasha minghajr ebda ghajnuna ta' xejn dwar it-trobbija tat-tifel.

Il-konvenut ghazel li jibqa' kontumaci f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma ressaq l-ebda provi.

Il-Qorti hi tal-fehma illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut.

**Kura u kustodja**.

Illum it-tifel W ghandu hdax-il sena. Ghal dawn l-ahhar snin il-minuri dejjem ghex ma' ommu l-attrici. Il-konvenut jahdem barra minn Malta u ghalhekk jassenti ruhu minn dawn il-Gzejjer spiss. Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi huwa fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tieghu tigi affidata esklussivament f'idejn l-omm.

Peress li l-konvenut jahdem barra minn Malta l-access mhux regolari. Jirrizulta li fil-prezent meta jkun Malta jara lit-tifel alternattivament darba mill-Gimgha fis-6,.00 p.m. sal-Hadd fis-6.00 p.m. u l-gimgha ta' wara mis-Sibt fis-6.00 p.m. sal-Hadd fit-8.00 p.m. Jirrizulta li t-tifel dara din ir-rutina li fl-istess hin tevita li l-access jikkoncidi ma' attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri.

**Manteniment**.

Illum il-gurnata l-attrici mhiex qed titlob manteniment ghaliha izda biss ghat-tifel.

Fil-31 ta' Lulju 2014 il-Qorti kienet tat digriet dwar manteniment *pendente lite* fejn il-konvenut kien gie ordnat ihallas lill-attrici bhala manteniment *pendente lite* ghat-tifel fl-ammont ta' mitejn u tmenin ewro (€280) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha. Tenut kont li l-konvenut ghandu impjieg stabbli bi dhul elevat, ghalkemm baqa' qatt ma zvela l-ammont preciz li jaqla, u tenut kont tal-fatt li l-istess attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha iddikjarat illi hija taqbel li l-manteniment tat-tifel ghandu jibqa' kif s'issa dekretat, il-Qorti qed tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghat-tifel fl-ammont ta' €280 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta' edukazzjoni u sahha.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Mill-atti jirrizulta illi is-segwenti djun li kienu jew li ghadhom jaggravaw il-komunjoni tal-akkwisti:-

1. Facilita' ta' 'overdraft' mal-Bank of Valletta plc.

2. Arretrati ta' taxxa tad-dhul dovuti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

3. Multi u penali dovuti lil MFSA in konnessjoni mal-kumpanija

4. Kontravvenzjonijiet fl-ammonti ta' €46.59 u €58.24

Fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2013 xehdet Dr Amanda Poole ghan-nom tal-MFSA u tat rendikont tal-arretrati, multi u penali dovuti dwar il-kumpanija Medidiet Limited (C-30106) bin-numru 40014112672 li huma s-segwenti:- - €5,565.94, €3,195.16 u €350.00 rispettivament, b'kollox €9,111.00. L-azzjonisti f'din il-kumpanija huma l-partijiet f'ishma indaqs u cioe' 750 sehem ordinarju kull wiehed. Dan id-dejn ghadu dovut u qed ikomplu jakkumulaw il-penali.

Jirrizulta illi fit-2 ta' Settembru 2013 l-atrici saldat id-dejn li kien hemm dovut lill-Bank of Valletta fis-somma ta' €9,039.02 referibbli ghal-*loan account* tal-kumpanija Medidiet Limited dwar liema facilita' l-partijiet kienu garanti *in solidum*. B'dan il-pagament id-dejn dovut mill-kumpanija imsemmija u garantit personalment mill-partijiet a favur il-Bank of Valletta plc gie saldat mill-attrici minghajr kontribuzzjoni da parti tal-konvenut.

Il-Qorti taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Perit Legali fejn qed tissuggerixxi li jkun ekwu li una volta l-ammont dovut lill-MFSA huwa kwazi identiku ghal dak li kien dovut lill-Bank of Valletta plc, il-konvenut ghandu jhallas wahdu d-dejn dovut lill-MFSA.

**Ghalhekk il-Qorti tordna illi l-ammont kollu dovut lill-MFSA in konnessjoni mal-kumpanija imsemmija ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-konvenut b'dan illi kwalunkwe ammont li l-attrici tigi kostretta thallas lill-MFSA hija jkollha dritt illi tirkuprahom minghand il-konvenut.**

Dwar taxxa tad-dhul dovuta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jirrizulta illi l-ammont illum reklamat mid-dipartiment fis-somma ta' €32,525 huwa stima stante li 'income tax returns' ilhom ma jigu sottomessi mill-partijiet fir-rigward tal-kumpanija Medidítiet Ltd. Kif tajjeb

osservat il-Perit Legali, kien id-dover taz-zewg partijiet illi jew jitolbu x-xoljiment tal-kumpanija jew inkella jipprezentaw l-income tax returns taghha. L-attrici qed titlob li tigi mehlusa milli taghmel tajjeb ghad-dejn dovut lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghaliex hemm arretrati ta' manteniment dovut. Tali talba mhiex qed tigi akkolta in kwantu fir-rigward tal-kumpanija imsemmija l-attrici kellha l-istess doveri statutorji bhal dawk tal-konvenut. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment illi ser issir revizjoni tal-istima tat-taxxa dovuta appena l-partijiet jipprezentaw l-income tax returns pendenti. Il-Qorti ma tistax tordna tpacija meta l-ammonti dovuti ghadhom mhux likwidi u certi. Fi kwalunkwe kaz l-attrici kellha u ghandha ghad-disposizzjoni taghha mezzi ezekutivi adegwati sabiex tenforza l-ordni tal-Qorti dwar il-manteniment tal-minuri.

Il-kontravenzjonijiet fuq imsemmija jirrizultaw li gew kommessi meta l-vettura in kwistjoni, ghalkemm registrati f'isem l-attrici, kienu fil-pussess tal-konvenut.

**Ghalhekk il-Qorti tordna li l-kontravvenzjonijiet fuq imsemmija ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut u f'kaz li l-attrici tigi kostretta thallashom ikollha dritt titlob minghand il-konvenut ir-rifuzjoni ta' dak li hi tkun hallset.**

**Dar Matrimonjali u l-Mobbli**.

Id-dar matrimonjali mhiex proprjeta' tal-partijiet izda kienet inkriet lill-partijiet min-nanniet tal-attrici.

Fic-cirkostanzi **l-Qorti qed tordna li t-titolu ta' kera fuq l-imsemmi fond ghandu jigi assenjat esklussivament lill-attrici b'dan illi l-konvenut ma baqalu l-ebda titolu jew dritt ta' abitazzjoni fl-imsemmi fond, b'dan illi l-kera ssejjah esklussivament lill-attrici**.

Dwar il-mobbli ma jirrizultax li dawn huma ta' xi valur u ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ghamara fid-dar matrimonjali qed tigi assenjata lill-attrici sabiex tkompli tigi uzata mill-attrici u mill-minuri.

**Kunjom**.

L-attrici qed titlob li tirriverti ghal kunjom xbubitha.

**Sanzjonijiet taht l-Artikoli 48 u 49 tal-Kap. 16**.

**Artikolu 48** tal-Kap 16 jipprovdi illi:-

*(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għal finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li ġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku. Jekk il-ħtija tkun tal-mara."*

Stabbilit illi l-konvenut instab hati ta’ abbandun minghajr gusta kawza, l-applikazzjoni tal-penalitajiet kontemplati fl-Artikolu 48 fuq citat hija mandatorja.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici,

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tippronunzja d-divorzju ta’ bejn il-partijiet u tiddikjara illi ghat-tkissir ta’ dan iz-zwieg jahti unikament il-konvenut minhabba abbandun oltre agir vjolenti fil-konfront tal-attrici.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u takkorda l-kura u kustodja tal-minuri W esklussivament f’idejn l-attrici b’access favur il-missier kif fuq spjegat.

3. Tilqa’ parzjalment it-tielet talba attrici billi tilqaha fir-rigward tal-minuri W, tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri W s-somma ta’ mitejn u tmenin ewro (€280) fix-xahar oltre nofs l-ispejjez ta’ edukazzjoni u hajja u dan b’effett mis-17 ta’ Frar 2012 liema manteniment jizdied kull sentejn bl-ewwel zieda fl-1 ta’ Jannar 2017. Il-manteniment ghandu jibqa’ jithallas fl-eventwalita’ li l-minuri jibqa’ jistudja ‘full-time’ wara li jaghlaq tmintax-il sena u dan sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena. Fil-komputazjoni tal-manteniment arretrat dovut ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni il-pagamenti maghmula mill-konvenut tal-manteniment provvizorju matul il-kawza. Tichad it-tielet talba f’dak li jirrigwarda talba ghall-manteniment ghall-attrici stante li gie minnha stess rinunzjat.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida bil-mod kif stipulat u ordnat aktar ‘il fuq taht l-intestatura “Komunjoni tal-Akkwisti” u “Dar Matrimonjali u Mobbli”.

5. Tichad il-hames talba attrici in kwantu ma rrizultawx beni parafernali x’jigu assenjati.

6. Tilqa’ s-sitt talba attrici, tiddikjara illi b’konsegwenza li l-konvenut qed jinstab hati li huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba abbandun u agir vjolenti il-Qorti tiddikjara illi l-konvenut qed jitlef il-jeddijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

7. Tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha “Caruana”.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------